Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Appell numru: 271/14

**Mark Anthony Portelli**

**Vs**

**Brian Bellotti**

L-Erbgha, 27 ta' April 2016.

L-attur harrek lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' vettura Toyota numru HAW-094.

Il-konvenut wiegeb li l-hlas ma kienx dovut ghaliex il-prezz thallas meta nxtrat il-vettura. Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2014 id-difensur talab li tigi prezentata *"nota korrettorja tar-risposta prezentata mill-konvenut"*. F'din in-nota (fol. 9) il-konvenut iddikjara li qieghed:- *"…. Jikkoregi l-kontenut tar-risposta tieghu prezentata fl-1 ta' Lulju 2014, u cioe' billi jissostitwixxi l-eccezzjonijiet tieghu hemm premessi bis-segwenti…"*:

1. L-attur kellu jaghti prova tal-interess guridiku.
2. L-attur ghandu jipprova li l-vettura nbieghet lill-konvenut, kif ukoll il-prezz miftiehem u li ma thallasx.
3. Il-kreditu pretiz m'huwiex preskritt.
4. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
5. Ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

B'sentenza tal-25 ta' Mejju 2015, it-Tribunal laqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u cahad it-talba tal-attur. L-attur appella u l-aggravji huma li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar:

1. Ma kellux jilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.
2. Ghamel apprezzament tal-provi hazin.

Il-konvenut ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud u s-sentenza tigi kkonfermata.

Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti tosserva:

1. Hu fatt li t-Tribunal iddecieda eccezzjonijiet minghajr motivazzjoni. Hekk per ezempju l-eccezzjonijiet dwar l-interess guridiku u preskrizzjoni. Fil-motivazzjoni ghandu jkun hemm ir-ragun li tkun wasslet lill-awtorita' gudizzjarja biex tiddeciedi bil-mod li ddecidiet.

2. B'riferenza ghall-interess guridiku, fl-avviz tat-talba l-attur isostni li biegh vettura lill-konvenut. Mill-provi rrizulta li l-attur kien biegh vettura lill-

konvenut. L-attur jippretendi li ghad ghandu jithallas bilanc tal-prezz filwaqt li l-konvenut jikkontesta tali fatt. Fis-sentenza **Anna Attard et vs Rev. Patri Serafin Abela nomine et** tat-12 ta' Dicembru 2011, intqal:-

*"Illi l-interess guridiku f'attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha."*

Ovvjament imbaghad l-attur ghandu l-obbligu li jaghti prova li d-dejn jezisti, u l-awtorita gudizzjarja trid tiddeciedi a bazi tal-provi li jressqu l-partijiet.

3. B'riferenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-appellat ma ddikjarax liema preskrizzjoni tapplika ghall-kaz in ezami. Gialadarba eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax titqajjem mill-qorti *ex officio*, l-eccezzjoni kif proposta ghandha tigi michuda.

4. Minhabba dan in-nuqqas fis-sentenza, il-qorti ser ikollha thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar u tiddeciedi dwar il-kaz fil-meritu (ara Artikolu 8(4) tal-Kap. 380).

5. Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, il-qorti tqies li 'l fatti rilevanti huma:-

   i. Kif sehh il-bejgh l-appellant iffirma l-logbook. Atteggament li ma jikkonfortax it-tezi tal-appellant li kien ghad fadallu x'jithallas, dan iktar u iktar meta tikkunsidra li mill-provi rrizulta li qabel in-negozju l-partijiet ma kienux jafu xulxin. Fil-fatt l-appellant xehed li l-appellat kien gie ntrodott lilu tramite l-habib, Paul Balzan (fol. 15).
   ii. Irrizulta li biex il-vettura giet trasferita fuq isem Marco Cortis, kien hemm bzonn il-koperazzjoni tal-appellant. Dan sehh fit-30 ta' Awissu 2013. L-appellant xehed li kien hemm bzonn li jaghti kopja tal-karta tal-identita tieghu filwaqt li l-appellat xehed li kien hemm multi ta' kontravenzjonijiet tat-traffiku li kellhom jithallsu mill-appellant. Kienet x'kienet ir-raguni, fuq bazi ta' probabilta' l-appellant ma kienx ser jikkopera biex il-vettura tigi registrata f'isem Cortis qabel ma jithallas kull bilanc li seta' kien fadal x'jithallas mill-appellat.
   iii. L-appellant xehed li certu Paul Balzan kien jaf li l-appellat kien ghad irid ihallas €900 u kellmu diversi drabi lill-appellat dwar l-ammont li kien ghad irid ihallas dwar il-bejgh tal-vettura. Min-naha tieghu Paul Balzan, prodott bhala xhud mill-appellant innifsu, xehed: *"Lanqas ma nafx kienx fadal xi bilanc fuq din il-vettura"*. Dan ix-xhud ikontradixxa dak li xehed dwaru l-appellant.

iv. L-appellant harrek lill-appellat ghas-somma ta' €1,500, meta hu stess xehed li l-prezz li ftehmu kien €2,900 u kien fadallu jithallas is-somma ta' €900. Jekk din hi l-verita, ma kellu qatt iharrek lill-konvenut ghas-somma ta' €1,500. Atteggament li juri nuqqas ta' serjeta u affidabilita' min-naha tal-appellant.

v. Fil-log book jidher li hemm il-firma tal-appellant fil-parti li tirreferi ghall-bejjiegh. Fil-fatt in-numru tal-karta tal-identita ma' gemb il-firma hi tal-appellant (ara fol. 28 u 29[1]). Hemm ukoll dikjarazzjoni tal-bejjiegh li t-trasferiment thallas.

vi. L-appellant xehed: *"Wara li ghadda madwar xahar jiena kont cempilt lil Brian Bellotti biex nara kif ser nibqghu bil-flus u hu kien baghatli messagg fejn kien infurmani li dawk il-flus huma tieghi u kont ser nehodhom"* (fol. 16). Kopja tal-messagg ma giex prezentat. Min-naha tieghu l-appellat cahad li baghat messagg f'dan is-sens.

**Konkluzjoni**:- il-qorti hi tal-fehma li l-appellant ma tax prova li hu kreditur tal-appellat. Il-presunzjoni ghandha tkun li gialadarba l-appellant ta l-pussess tal-vettura flimkien mal-logbook iffirmat mill-appellant, il-hlas sar. Dan meqjus li skond l-Artikolu 1391 tal-Kodici Civili: *"Il-bejjiegh mhux obbligat jikkunsinna l-haga jekk ix-xerrej ma jhallasx il-prezz taghha, hlief meta l-bejjiegh ikun ta lix-xerrej zmien ghall-hlas"*. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur, gialadarba jsostni li l-prezz ma thallasx kollu mal-kunsinna. Il-firma tal-attur fuq il-logbook u d-dikjarazzjoni li t-trasferiment sar bi hlas, huma pjuttost provi li l-prezz tal-vettura thallas kollu.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-25 ta' Mejju 2015 minhabba li fis-sentenza m'hemmx motivazzjoni fir-rigward tac-cahda tal-ewwel u tielet eccezzjoni.**
2. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
3. **Tichad it-tielet eccezzjoni.**
4. **Tilqa' t-tieni eccezzjoni fis-sens li l-attur ma tax prova li hu kreditur tal-appellat u tilqa' r-raba' eccezzjoni.**
5. **Tichad it-talbiet tal-attur.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-appellant u 20% a karigu tal-appellat[2].**

Anthony Ellul.

---

[1] Marco Cortis, li l-firma tieghu tidher fuq il-logbook bhala x-xerrej, xehed li kien xtara l-vettura minghand Philip Scerri u *"Il-logbook kien ghadu fuq is-Sur Mark"* (fol. 18). L-appellant stess xehed li l-log book kien iffirmah (fol. 16).

[2] L-appellat ghandu jaghmel tajjeb ghall-parti mill-ispejjez peress li gew michuda l-ewwel u tielet eccezzjoni.